# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tar-4 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 16 ta' Settembru 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**04.01 Talba**

04.04.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

***Is-Sindku tat spjega ċara dwar kif se tibda titmexxa laqgħa tal-Kunsill, speċjalment fejn ser ikun hemm lok għal diskussjonijiet u kemm jista' jkun ikunu konċiżi u fil-qosor. Dan għaliex il-laqgħat qed ikunu wisq twal anke biex wieħed isegwihom.***

**04.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

04.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**04.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 03**

04.03.01 Il-Kunsillier Galea staqsa għaliex f'punti 03.07.04, 03.10.01 u 03.10.02 ma tniżżlux l-ismijiet tal-Kunsillieri kif ittieħdu l-voti. Is-Sindku spjegat li kif tgħid il-liġi, la dak il-ħin ħadd ma talab biex jitniżżel ismu, allura ma jitniżżlux ismijiet fil-Minuti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.03.02 Il-Minuti tal-laqgħa numru 03 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ipropona u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**04.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.04.01 Is-Sindku infurmat li dwar l-applikazzoni flimkien mar-Reġjun Punent għall-fondi għall-*Clean Up Campaign* fejn ingħatajna EUR1500, qed nistennew l-istimi għax-xogħlijiet fosthom dik mingħand il-*Cleansing Department*, għat-tindif ta' Triq tas-Sejba, tindif tat-tabelli u l-imirja tat-toroq, u tindif tal-ispralli. Se jsiru wkoll laqgħat fuq il-post biex wieħed ikun jista' jara x-xogħol li hu meħtieġ isir anke a fini ta' stima. Ix-xogħol mistenni jsir bejn it-23 u d-29 ta' Settembru 2024.

Is-Sindku infurmat dwar allokazzjoni oħra ta' EUR3,000 mir-Reġjun Punent, sabiex jitnaddfu siti fejn ikun hemm *illegal dumping* li jkun jeħtieġ li jitnaddaf permezz ta'

makkinarju goff bħal *gafef /bobcats*. Is-sit li hi ssuġġeriet biex jitnaddaf huwa Sqaq Buhar. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.04.02 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa mal-ERA, li attendiet għaliha flimkien mal-Kunsillier Galea, rigward it-trabijiet mill-barrieri fi Triq tas-Sejba. Hija infurmat li mill-ERA qed isir monteraġġ regolari dwar it-trab. Qalet ukoll li l-ERA enfasizzat biex rapporti dwar dħaħen ta' trabijiet u/jew ħruq, għandhom isiru *online* b'mod immedjat fejn huma jkunu jistgħu jieħdu azzjoni dak il-ħin. Għal raġuni ta' *GDPR*, il-lista tas-sidien tal-barrieri ma tistax tingħata lill-Kunsill. Min-naħa ta' Kunsill nistgħu nkunu ta' għajnuna billi nkomplu nnaddfu u nħeġġu biex isiru r-rapporti fejn jiġi nnutat trab u duħħan sabiex ikun jista' jsir iktar infurzar. Kif inqtal mill-ERA stess, sfortunatament, it-trab ma jistax ikun li jiġi eliminat għal kollox għaliex l-Imqabba huwa raħal bil-barrieri li huma s-sors minn fejn jiġi ġġenerat it-trab'. Laqgħa oħra mal-ERA hija skedata għal 3 xhur oħra. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.04.03 Rigward l-attività kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar", is-Sindku infurmat li għandna l-*poster* lest filwaqt li *banners* se jkollna madwar 6 li se jkunu fil-pjazza u mqassma f'siti viżibbli barra mir-raħal. Is-Sindku infurmat ukoll li se ssir *press call* dwar din l-attività nhar l-20 ta' Settembru 2024 fil-5pm fil-Pjazza tal-Knisja. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Galea, ġie ċċekkjat jekk 'Il-Lapes' hux disponibbli għal waqt is-serata u ġie kkofermat fl-affermattiv. Għaldaqstant, bħala kantanti se jkollna lil-Lapes, Gaia u Ivan Grech kif ukoll Amy Farrugia, Ina Robinich, u Martina Spiteri. Is-Sindku ssuġġeriet li għandha ssir laqgħa mal-Każini tal-Banda tal-Imqabba u dak tal-Football, flimkien mad-Direttur Artistiku sabiex jiġi diskuss l-armar ta' *stalls/bars* minnhom waqt l-attività. Id-data tentattiva għal din il-laqgħa hija is-26 ta' Settembru 20024. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**04.05** **Jum L-Imqabba 2024**

04.05.01 Is-S.E. infurmat li rċevejna żewġ nominazzjonijiet rigward il-Bord ta' Ġieħ l-Imqabba fejn is-Sindku kompliet billi qrat li mis-Soċjetà Santa Marija ġew nominati Jean Carl Grech u Michael Ghigo, filwaqt li mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju ġew nominati Fernando Dingli u Joseph Zammit. Ser nagħtu ċans ukoll lill-*Mqabba FC* biex jibgħat in-nomina tiegħu ukoll peress li d-*deadline* hija propju llum. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fid-dettal dwar il-bord u l-għażla ta' min jingħata l-premju Ġieħ l-Imqabba. Is-Sindku nnominat lil Ms Pamela Schembri sabiex tkun iċ-*Chairperson* tal-Bord u jekk hija taċċetta, tiġi skedata l-laqgħa tal-bord.

04.05.02 Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-Kappillan Fr Blake fejn ma sabx oġġezzjoni li ssir serata storika rigward il-Madonna tar-Rużarju fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. Ir-Restawratriċi Amy aċċettat ukoll li tagħmel presentazzjoni dwar ir-restawr tal-istatwa filwaqt li Fr Jonathan lest li jitkellem dwar l-istorja tagħha. L-għeluq tas-serata, isir minn Fr Blake permezz ta' diskors qasir u talba. Din is-serata hija skedata għall-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2024 fis-7:15pm ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju. Kien hemm qbil li għal wara jiġu ppreparat repo żgħir. Se jsiru wkoll inviti għal din is-serata sabiex jiġu mistiedna Ministri, MPs, u NGOs fl-Imqabba. Is-serata tiġi rreklamata wkoll permezz ta' *post* fuq il-*FB Page* tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.05.03 Is-Sindku infurmat li ser ikollha laqgħa mal-Kunsill Skolastiku biex jiġi deċiż x'attività ser tittella' għat-tfal nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2024 filgħodu.

04.05.04 Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras sabiex jitkellem dwar l-attivitajiet sportivi tas-Sibt 19 ta' Ottubru 2024 filgħodu fejn din is-sena qed jiġi suġġerit li l-attivitajiet isiru f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira bejn id-9am u nofsinhar fejn tingħalaq it-triq bejn Triq tas-Sejba u Triq ix-Xriek u jkun jista' jintuża madwar il-ġnien kif ukoll parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju. Se jkun jista' jintuża wkoll il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsillier qed jikkordina mal-President tal-Futbol, Terrence, rigward is-*supply* tal-elettriku u dwar il-possibiltà li ssir logħoba futbol bejn il-plejers l-antiki Mqabbin. Il-Kunsillier Sciberras ser jiltaqa' ma' tal-*Wheelchair Basketball* biex jittella xi logħob min-naħa tagħhom ukoll, filwaqt li ser ikellem lil Nathan Xuereb dwar *3 on 3* sabiex ma jkunx hemm *volleyball* biss għaddej tul it-3 siegħat tal-attività. Se jkun qed ikellem ukoll lill-pulizija biex jiġu tal-kavallerija jew tal-klieb. Il-Kunsillier Galea ssuġerixxa wkoll li niktbu lis-*CPD* biex jiġu wkoll. Is-Sindku qalet li l-aħħar li ġew ma kienux qed jagħmlu *shows*, però nistgħu niċċekkjaw u nagħmlu talba għalihom. Is-Sindku semmiet li nistgħu ukoll inkellmu lil persuna mill-Qrendi li għandha żiemel apposta għall-*horse riding*. Se jkun hemm armat ukoll il-*bouncy castle* fil-*premises* tal-Każin tal-Futbol. L-ambulanza se tkun *standby* ukoll. Se tingħata *token* lill-parteċipanti kollha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan kollu.

04.05.05a Rigward is-Sibt 19 ta' Ottubru 2024 filgħaxija, is-Sindku qalet li din is-sena jmiss lis-Soċjetà Santa Marija biex tagħmel il-kunċert mużikali waqt is-Serata Ġieħ L-Imqabba. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi lil min iddistingwa matul is sena fosthom: Kant: Sady Mifsud Borg, Sports: Kurt Ciantar, Anna Borg Myatt, Enrika Ciantar, u Brandon Debono, Special Needs: Dean Borg Myatt, Eks Kappillan Fr John Curmi, Familja Camilleri f'isem il-mibki Josef Camilleri li kien fis-sotto kumitat tal-Kunsill kif ukoll kien l-ewwel President tal-Għaqda Piroteknika, Piroteknika: Kyle Farrugia u Rene Briffa li kellhom inċidenti sfortunati waqt xogħol volontarju fil-piroteknika. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dawn u qablu li kollha għandhom jiġu rikonoxxuti.

04.05.05b Is-S.E. tat spjega dettaljata dwar l-istimi għall-*catering* tar-*reception* għal wara s-Serata Ġieħ l-Imqabba fejn s'issa rċevejna tnejn, waħda ta' madwar EUR3,000 u oħra ta' madwar EUR5,000. Is-Sindku fakkret li għandna bżonn inġibu stimi wkoll għad-dawl u s-*sound* għal ġo l-iskola waqt il-Kunċert u barra għal waqt ir-*reception* għaliex l-iskola għandhom il-ħsara fid-dawl u s-*sound*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan u qablu li għandna mmexxu fuq l-irħas stimi.

04.05.05c Is-Sindku infurmat li nhar it-23 ta' Settembru 2024 se jkollha laqgħa mal-President tar-Reġjun u mal-Għaqdiet tan-Nar sabiex dakinhar tas-serata tittella' wirja dwar il-piroteknika, ġewwa l-*Foyer* tal-Iskola Primarja. Kien hemm qbil li l-wirja ssir u li naħsbu għad-dawl għal waqt il-wirja wkoll.

04.05.06a Rigward il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024 is-Sindku infurmat li ser issir il-Quddiesa ta' Ringrazzjament tat-8.30am u wara tindaqq il-fanfarra u jsir it-tqegħid tal-Kuruna tar-Rand quddiem il-mafkar tal-mejtin fiz-zuntier. Wara ssir żjara mill-Kunsillieri lill-Każini tar-raħal.

04.05.06b Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024 filgħodu ġewwa l-Pjazza tal-Knisja, se jkun hemm wirja tal-karozzi, li fuq suġġeriment tas-Sindku għandhom ikunu karozzi antiki. Jekk ma jirnexxilnix inġibu l-karozzi antiki, nġibu dawk tas-sena l-oħra u l-wirja tkun b'risq il-*Community Chest Fund (CCF)*. Il-Kunsillier Galea qal li jekk immorru għal *option 2*, navviċinaw lid-delettanti Mqabbin ukoll. Kemm is-Sindku kif ukoll il-

Kunsillier Sciberras, qalu li dejjem hekk sar jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-*club* minħabba *policy* li jkollhom.

04.05.06c Is-Sindku qalet li l-wirja tal-karozzi tajjeb li ssir b'risq il-*C.C.F.* għaliex l-għada se nkunu qed nagħmlu żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta u nkunu nistgħu nippreżentaw id-donazzjonijiet dakinhar stess.

04.05.06d Issemmew ukoll il-Katakombi tal-Mentna u l-Kappelli tar-raħal, fejn is-Sindku infurmat li filwaqt li l-Katakombi huma skedati biex jinfetħu il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024.

Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-possibiltà li x-*shelter* li hemm fil-Pjazza tal-Knisja faċċata tal-Każin tal-Ġilju, jitnaddaf biex ikun jista' jinfetaħ ukoll. Kien hemm diskussjoni dwar dan u bqajna li se naraw jekk *Cleansing Department* jistax inaddfu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**04.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

04.06.01 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kellmunix lura mill-ERA rigward fondi għal dawl solari fi Sqaq Buhar, kif diskuss waqt l-aħħar laqgħa li kellna magħhom. Is-Sindku qalet li huma kellhom jippruvaw jgħinuna f'dan ir-rigward, però s'issa ma smajna xejn minnn għandhom u se nerġgħu infakkruhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.06.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-istimi li kellna nitolbu biex jitneħħa s-*soft flooring* perikoluż mill-Ġnien Tfal ir-Raħal. Is-S.E. infurmat li s'issa ġiet avviċinata minn kuntrattur wieħed biss fejn marru fuq il-post u taha stima verbali ta' bejn wieħed u ieħor EUR3,000 li tinkludi l-qlugħ u r-rimi tat-tapit, u l-konkos, filwaqt li dwar it-*turf* għadha qed tistenna l-istimi. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fit-tul dwar x'inhu l-aħjar li jsir minflok it-tapit, jekk hux konkos, *turf*, jew li tiddawar l-*area* b'xibka bil-pajpijiet. Id-diskussjoni kompliet dwar il-proġett tal-ġnien fejn għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar fondi mill-Gvern rigward it-tħaffir għall-bini ta' parkeġġ taħt l-imsemmi ġnien u l-possibiltà li jekk ma naslux għal dan, għandux il-Kunsill imur għal *Private Public Partnership*, jew li nkella jmexxi skond dak li kien diġà ppjanat qabel u *cioè* it-tħaffir u l-bini mill-ġdid tal-ġnien. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.06.03 Il-Kunsillier Sciberras reġa' staqsa dwar każijiet antiki li għadhom pendenti. Is-Sindku talbitu lista tagħhom għaliex jekk fadal xi każijiet mhux riżolti bilfors li nqabżu peress li min-naħa tal-istaff ħadmu fuq diversi każijiet. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.06.04 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar id-*dog bin* li għadu ma twaħħalx f'postu wara li ntlaqat u li jinsab fi Triq iż-Żurrieq kantuniera mat-triq 'Tat-Torba'. Is-S.E. infurmatu li se tiċċekkja dwaru għaliex hi tat struzzjonijiet biex dan jitwaħħal f'postu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.06.05 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-possibiltà li ssir *road hump* f'parti mis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku infurmat li *traffic measures* fil-*by-pass* u s-*service roads* ta' ġo fiha, ikun aħjar li naraw x'se jsir dwarhom mir-rapport tekniku li qed nitolbu li jsir. Is-S.E. infurmat li minkejja li hija għamlet talba pubblika fil-Gazzetta tal-Gvern għal stima għall-imsemmi rapport tekniku, sfortunatment ma bbiddja ħadd. Hija ċċekkjat dwar iktar kumpaniji li jistgħu joffru li jagħmlu dan ir-rapport, u ħeġġithom jaraw l-avviż u jibgħatu l-istimi. L-avviż għandu jerġa' jiġi ppublikat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**04.09** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

04.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal PA 06291/24 għar-raġuni li minn informazzjoni li għandna, beda x-xogħol ta' eskavar meta lanqas biss għadu nħareġ il-permess tal-PA. Ġejna infurmati wkoll li hemm il-periklu li tista' taqa' t-triq u minkejja dan, ix-xogħlijiet xorta waħda qed jibqgħu għaddejin. Għaldaqstant kien hemm qbil li nibagħtu ninfurmaw bil-mitkub lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni, u lill-Infrastruttura Malta dwar dan. Kien hemm qbil ukoll mill-Kunsillieri preżenti li għandna nressqu r-rappreżentazzjoni tagħna rigward l-iskavar li sar qabel inħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

04.09.02 Rigward il-per/mess PA 05384/24 is-S.E. qassmet għall-attenzjoni tal-Kunsillieri l-punti suġġeriti mill-*Environmental Manager* tar-Reġjun li fuqhom nistgħu nibbażaw ir-rappreżentazzjoni tal-Kunsill lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-punti ġew diskussi u kien hemm qbil li s-S.E. tiddraftja r-rappreżentazzjoni u tiċċirkulaha mal-Kunsillieri qabel tibgħatha lill-*PA*.

**04.10** **Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

04.10.01 Is-S.E. infurmat li rigward id-dawl dekorattiv tat-triq tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja u l-madwar u għall-ewwel darba fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, se ssir laqgħa nhar l-20 ta' Settembru 2024 fl-10:00am mal-unika kuntrattur li bgħat l-istimi wara li ġew ippubblikati t-talbiet għall-istimi fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.10.02 Is-S.E. infurmat li irċevejna l-istimi għall-*compactor* li kien hemm qbil biex jinxtara għall-ħaddiema tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jiftħu l-ispralli biex jitnaddfu. Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew dwar l-użu tal-*compactor* u liema wieħed mill-istimi li rċevejna għandna nixtru. Il-Kunsillieri indikaw l-irħas wieħed filwaqt li ser niċċekkaw mal-ħaddiema li l-*compactor* magħżul huwa tajjeb.

04.10.03 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar skema SPI/SCI/7/2024-Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi. Il-Kunsillieri preżenti waslu għall-konklużjoni li l-iskema ma tapplikax għalina għaliex il-Kunsill m'għandux bini pubbliku.

04.10.04 Korrispondenza minn Ambjent Malta dwar ir-rosemary li kien tħawwel f'parti mis-*soft area* fis-*Service* Road fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, tal-Imqabba u li ntrifes mill-pubbliku li kien qed isegwi n-nar tal-ajru tal-festa tar-raħal. L-ispiża biex il-pjanti jinbidlu, se jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.10.05 Korrispondenza mingħand Transport Malta rigward il-*communal reserved bays for blue badge holders* li hemm f'Misraħ il-Fidwa, fejn bħala Kunsill tlabna biex naraw jekk hux kollha huma approvati minn TM. L-imsemmija *bays* huma approvati minn TM, madanakollu biex dawn jinżebgħu u jiġu uniformi mal-bqija tal-*bays* simili, irridu jew nistennew lil TM biex tiġi tpenġihom hi, jew inkella nagħmluhom aħna bħala Kunsill. Is-Sindku qalet li ser titkellem mas-Sur Cohen dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota dan.

04.10.06 Korrispondenza mingħand resident li se jkollu bżonn iwettaq xogħol fuq il-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq San Bażilju u li qed jitlob direzzjoni mill-Kunsill dwar jekk jarmax *scaffolding* bit-traffiku jibqa' għaddej u jdum ftit biex jitlesta x-xogħol, jew inkella jaħdem permezz ta' *cherry picker* f'inqas żmien però jkollu bżonn jagħlaq it-triq għat-traffiku. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u ddeċidew li għandna ninfurmawh sabiex jaħdem billi jarma *sacaffolding*.

04.10.07 Korrispondenza mingħand resident sabiex issir *give way sign* minn Triq in-Nazzarenu għal ġol-*bypass* minħabba l-vetturi li qed jaqsmu mis-*service road* ħdejn il-*Maypole* għal ġol-*bypass* għal Triq in-Nazzarenu. Il-Kunsillieri ddiskutew x'inhi l-problema f'din il-parti tat-triq u kien hemm qbil li nagħddu talba lil TM dwar dan.

04.10.08 Korrispondenza mingħand residenta fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija dwar problema ta' parkeġġ u ta' aċċessibiltà għall-*garage* tagħha. Fuq suġġeriment ta' uffiċjal tal-pulizija li tkellmet miegħu, qed titlob li jitpenġa *1 meter double yellow line*. Il-Kunsillieri ddiskutew dan il-każ fejn ladarba il-marki tat-triq eżistenti huma korretti, apparti li jidher biċ-ċar li hemm pika bejn il-ġirien, id-deċiżjoni li ttieħdet hija li jibqa' kollox kif inhu. Jekk hemm xi oġġezzjonijiet mir-residenti, se niggwidawhom sabiex jiktbu lill-bord ta' Transport Malta.

04.10.09 Korrispondenza minn residenta minn Triq il-Friefet fejn qed jintalab sabiex it-triq issir *one-way* bil-kontra ta' kif inhi għaliex minkejja li tneħħiet *parking bay* li kienet qed tostakola l-aċċess ta' entratura tal-*garages*, xorta għad hemm il-problemi. Il-Kunsillieri ddiskutew dan il-każ u ttieħdet deċiżjoni li ma jinbidel xejn minn kif inhu.

04.10.10 Korrispondenza minn residenta minn Triq Ħal Kirkop fejn qed tallega li residenti minn Triq tal-Mentna qed ipoġġu l-boroż tal-iskart tagħhom fi Triq Ħal Kirkop. Kien hemm qbil li titqassam ittra mill-Kunsill lir-residenti kollha ta' Triq tal-Mentna sabiex il-boroż tal-iskart domestiku kulħadd ipoġġiha quddiem il-bieb tad-dar tiegħu u jinħarġu fil-ġranet skont l-iskeda tal-ġbir. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.10.11 Is-S.E. infurmat li t-*tender* tat-Tabelli u Sinjali, infetħet u ġiet evalwata u r-rakkomandazzjoni tal-Bord hija li l-kuntratt jingħata lill-KOPTASIN. Il-Kunsillieri preżenti qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għaldqastant ser tkun qed tintbgħat l-*awarding letter* lill-KOPTASIN. Is-Sindku ssuġġeriet li l-ewwel xogħol li għandu jintalab iwettaq għandu jkun il-*crash barrier* u r-*road markings* ta' Triq tas-Sejba li ilhom ħafna biex isiru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**04.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

04.11.01 Il-Kunsillier Dingli semma li fil-*parking bays* fi Triq Mons Alfons Caruana bejn Triq il-Franka u Triq Ġorġ Martin, minkejja li kienet saret tabella biex jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'l barra u x-xufiera qed jipparkjaw tajjeb, meta vetturi jkunu ftit kbar qed jostakolaw il-bankina bil-*body* tal-vetturi. Is-Sindku ssuġġeriet li jsiru r-*rubber stoppers* fil-*parking bays* sabiex jiġi evitat dan l-inkonvenjent. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.11.02 Il-Kunsillier Galea ssuġerixxa li jiżdied id-dawl tat-triq fi Sqaq l-Isptar kantuniera mas-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, għaliex appena jagħlaq il-ħanut *Maypole*, ikun hemm wisq dlam fiż-żona. Is-S.E. ser tipproċedi bl-ordni appena tirċievi mingħand il-

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


Kunsillier Galea ritratt b'indikazzjoni eżatta fejn qed tiġi suġġerita l-lampa tat-triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.11.03 Il-Kunsillier Sciberras semma l-arblu dekorattiv tad-dawl fi Triq Karmenu Ciantar biswit il-*bus shelter* li reġa' ntlaqat minn vettura tat-trasport pubbliku propju llum fit-8am. Is-Sindku qalet li se terġa' tagħmel pressjoni ma' TM sabiex il-venda timxi minn Triq Karmenu Ciantar għal Triq il-Qrendi għaliex dik hija l-unika soluzzjoni biex ma jibqgħux jiġu repetuti dawn l-inċidenti. Kien hemm bqil li xorta jsir rapport mal-Pulizija u jiġu kkupjati Transport Malta dwar l-inċident tal-lum. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

04.11.04 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar il-konkos ta' madwar l-ispralli ta' Triq Karmenu Ciantar li qed jinqasam u konsegwenza ta' dan l-gradilja tal-ispralli tibda tħabbat kull x'ħin jgħaddu l-vetturi minn fuqhom. Is-Sindku qalet li hija diġà infurmat lis-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia dwar dan. Madanakollu xorta tat struzzjonijiet lis-S.E. biex tgħaddi r-rapport mis-sistema tal-*Public Works* u permezz ta' *email*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan .

04.11.05 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar ħmieġ li hemm fil-bidu ta' Triq Ħal Farruġ kantuniera ma' Triq tas-Sejba. Is-Sindku talbet lis-S.E. biex tinkludi dan it-tindif flimkien ma' dak li se jsir mill-*Cleansing Department.* Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

04.11.06 Il-Kunsillier Sciberras ssuġġerixxa li Triq San Bażilju ssir *one-way*. Il-Kunsillieri ddiskutew dan is-suġġeriment u ma kienx hemm qbil li t-triq issir *one-way*.

04.11.07 Il-Kunsillier Sciberras ssuġġerixxa li ssir *Zebra Crossing* fi Triq Santa Katerina kważi kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsillieri ddiskutew dan is-suġġeriment u kien hemm qbil li nressqu t-talba għall-approvazzjoni ta' TM.

**04.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/04**

04.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/04 ġiet approvata unanimament.

**04.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

04.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 07 ta' Ottubru 2024 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 07 ta' Ottubru 2024.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |